# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 30 TA' MARZU 2001**

**Avviz Nru 1356/98DM**

**Carmel Cilia**

**vs**

**George Baldacchino u Joseph Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex jhalsu in solidum, bhala debitur principali u garanti solidali rispettivament, is-somma ta' sitt mitt lira (Lm600) oltre l-imghaxijiet tat-8% mis-7 ta' Mejju 1997, bilanc ta' somma mislufa bi skrittura tas-6 ta' Mejju 1998 (Dok A).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri interpellatorji tat-3 ta' Gunju 1998 u tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Gunju 1998, kontra l-konvenuti li gew ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Joseph Spiteri fejn eccepixxa illi:

1. It-talba ta' l-attur ghandha tigi michuda stante li l-konvenut Joseph Spiteri gie ingannat mill-konvenut George Baldacchino billi dan l-ahhar kien talab lill-istess konvenut Joseph Spiteri sabiex jidher fuq l-att maghmul fis-6 ta' Mejju 1993 bhala xhud biss u mhux bhala garanti solidali.
2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut George Baldacchino ippresenta fl-udejnza fit-23 ta April 1999.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta Novembru 1999 fejn il-partijiet qablu li din il-Qorti ghandha tindaga wkoll l-allegazzjoni tal-konvenut Spiteri minghajr htiega ta gudizzju separat.

Rat id-deposizzjoni tal-konvenut Joseph Spiteri moghtija quddiem il-Magistrat Supplenti fit-3 ta Dicembru 1999.

Semghet it-trattazzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-iskrittura ta self esibita mal-avviz hija prova konklussiva tal-ftehim bejn il-kontendenti u sufficjenti biex a bazi taghha il-Qorti tilqa t-talba attrici.

Izda l-konvenut Joseph Spiteri qed jeccepixxi n-nullita' tal-istess, almenu fil-konfront tieghu, billi qed jallega vizzju ta kunsens u din il- Qorti giet awtorizzata mill-partijiet biex tinvestiga tali allegazzjoni.

Il-provi fir-rigward jinkombu fuq l-istess konvenut Spiteri, li lanqas ma pproduca bhala xhud tieghu lid-debitur principali u illimita ruhhu u strah biss fuq id-deposizzjoni tieghu li giet ampjament ribattuta mid-deposizzjonijiet tal-attur u ta' l-Avukat Dr. Joseph Zammit Maempel.

Infatti ma jghamilx sens li l-konvenut Spiteri jallega li haseb li kien qed jiffirma l-iskrittura bhala xhud tal-firem meta l-istess skrittura giet redatta minn u iffirmata quddiem Avukat li ffirmaha ukoll quddiem l-istess konvenut.

Inoltre l-parentela bejn il-kontendenti iddghajjef l-allegazzjoni ta ngann li ghamel l-istess Joseph Spiteri.

Ghalhekk fil-waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Spiteri u stante l-ammissjoni tal-konvenut Baldacchino, tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex, ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, jhallsu '*in solidum'* bejniethom, bhala debitur principali u garanti solidali rispettivament, is-somma mitluba ta' sitt mitt lira (Lm600) oltre l-imghaxijiet tat-8% mis-7 ta' Mejju 1997.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti

…………………………..

Mag. Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 19